30 ta' Novembru, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President* ;

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D. ;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giovanni Elia Zammit Haber *versus* Carmelo Agius Gilibert ne. et.

**Elezzjoni — Assemblea Leġislativa — Domiċilju — Residenza — Sezzjoni 6 u 13 tal-"Malta (Constitution) Letters Patent, 1947".**

*Salvi l-iskwalifiki msemmijin fil-"Malta (Constitution) Letters Patent, 1947", kull min għandu dritt li jkun reġistrat bħala elettur għall-elezzjoni tal-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa huwa kwalifikat li jiġi elett bħala membru ta' dik l-Assemblea.*

*Biex wieħed jista' jiġi reġistrat bħala elettur hemm bżonn il-konkors ta' dawn il-kondizzjonijiet:— (1) Li jkun suddittu Ingliż; (2) li jkollu l-età ta' 21 sena jew aktar; (3) li jkun joqgħod f'Malta u li jkun ilu jekk joqgħod għal żmien mhux anqas minn tnax il-xahar sew sew qabel ma jiġi reġistrat; (4) u, fil-każ ta' nies tas-Servizz, Navali, Militari jew tal-Forzi ta' l-Ajru, li jkunu qegħdin jiġbdu l-paga sħiħa mill-vot annwali tal-Parlament Imperjali, hemm bżonn li jkollhom id-domiċilju f'Malta.*

*Id-domiċilju hu differenti mir-residenza. Din l-aħħar imsemmija hi sempliċi "factum"; u l-liġi trid ir-residenza abitwali, u tispeċifika espressament li għandha tkun għall-perijodu determinat ta' mhux anqas minn tnax il-xahar immedjatament qabel ir-reġistrazzjoni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur Zammit Haber, wara li ppremetta illi huwa ppreżenta "nomination paper" bħala kandidat għat-Tmien Distrett fl-elezzjonijiet li ġejjin; u li n-"nomination" tiegħu ma ġietx aċċettata, billi ġie allegat mill-konvenuti nomine illi huwa mhux kunsidrat li għandu l-kwalifiki biex ikun elett bħala Membru ta' l-Assemblea Leġislativa; u li, kuntrarjament għal dik l-allegazzjoni tal-konvenuti nomine, l-attur għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa biex ikun reġistrat bħala "voter" għall-elezzjoni tal-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa, u għalhekk ukoll biex ikun elett Membru ta' dik l-Assemblea; talab li tiġi minn din il-Qorti revokata d-deċiżjoni tal-konvenuti nomine kif imfissra fl-ittra annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni, billi jiġi dikjarat u deċiż li l-attur għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa biex ikun reġistrat bħala elettur għall-elezzjoni tal-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa tat-Tmien Distrett, u għalhekk anki biex ikun elett bħala Membru ta' l-Assemblea Leġislativa għal dak id-Distrett. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond is-sezzjoni 6 tal-''Malta (Constitution) Letters Patent, 1947''; salvi d-dispożizzjonijiet fl-istess Letters Patent kontenuti, kull min ikun kwalifikat li jkun reġistrat bħala elettur għall-Elezzjoni tal-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa għal xi wieħed mid-distretti elettorali, ikun kwalifikat li jkun elett Membru ta' l-imsemmija Assemblea għal dak id-distrett jew għal xi distrett ieħor. U s-sezzjoni 13 ta' l-istess Letters Patent fuq ċitati tistabbilixxi li, salvi d-dispożizzjonijiet tas-sezzjoni 14 (li mhix applikabili għall-każ in eżami), kull bniedem li jkun suddita ingliż, li jkollu 21 sena jew iżjed, u li soltu joqgħod f'Malta, u li jkun ilu hekk joqgħod għal żmien ta' mhux anqas minn tnax il-xahar sew sew qabel ma ġie reġistrat, ikollu l-jedd li jkun reġistrat bħala elettur fl-elezzjoni tal-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa. Iżda ebda bniedem li bil-paga sħiħa jkun fil-Forzi Navali, Militari, jew ta' l-Ajru, tal-Maestà Tagħha r-Reġina, imħallas mill-vot annwali tal-Parlament tal-United Kingdom, ma jkollu d-dritt li jkun hekk reġistrat, kemm il-darba ma jkollux domiċilju f'Malta. Id-dispożizzjoni fuq miġjuba tas-sezzjoni 13 tikkorrispondi għal dik preċedentement stabbilita bl-art. 9 ta' l-Ordinanza numru XIX ta' l-1939, kif emendat bl-art. 4 ta' l-Ordinanza numru V ta' l-1947;

Ikkunsidrat;

Illi mid-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq riportati, salvi l-iskwalifiki msemmija espressament fil-Letters Patent, jidher li min għandu d-dritt li jkun reġistrat bħala elettur għall-elezzjoni tal-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa huwa kwalifikat li jiġi elett bħala Membru ta' dik l-Assemblea; u biex wieħed ikun reġistrat bħala elettur, hemm bżonn il-konkors ta' dawn il-kondizzjonijiet :— (a) Li jkun suddita ingliż; (b) li jkollu 21 sena jew iżjed; (c) li soltu joqgħod f'Malta, u li jkun ilu hekk joqgħod għal żmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar sew sew qabel ma ġie reġistrat; (d) u li għan-nies tas-Servizz Navali, Militari u ta' l-Ajru, li jkunu qegħdin jiġbdu l-paga sħiħa mill-vot annwali tal-Parlament Imperjali, hemm bżonn li jkollhom id-domiċilju tagħhom f'Malta. Minnhdan jidher li għal dawn ta' l-aħħar il-liġi, biex ikollhom id-dritt għall-vot, tirrikjedi li jkunu domiċiljati f'Malta, mentri għall-oħrajn kol-

lha hija biżżejjed ir-residenza abitwali f'dawn il-Gżejjer;

Appena hemm bżonn li tiġi rimarkata d-differenza bejn domiċilju u residenza; din ta' l-aħħar hi sempliċi "factum" (ara Cheshire, Private International Law, 2nd. edition, p. 164). Din ir-residenza abitwali l-liġi tispeċifikaha kif għandha tkun, u timponiha espressament għal perijodu partikulari, jiġifieri *għal dak il-perijodu ta' mhux anqas minn tnax il-xahar* immedjatament qabel ir-reġistrazzjoni. U li l-liġi tirrikjedi dik ir-residenza fiżika fl-imsemmi perijodu ma jistax jiġi dubitat, billi l-kliem tal-liġi huma wisq ċari fuq dan il-punt, u hija regola ta' ermenewtika legali li ma hemmx lok għall-interpretazzjoni fejn il-liġi hija ċara (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Awissu 1950 in re "Farrugia vs. Agius ne.");

Ikkunsidrat;

*Illi mix-xhieda ta' l-attur irriżulta* li huwa telaq minn Malta fis-6 ta' Awissu 1951, u minn dak inhar ma reġax ġie lura ħlief fit-8 ta' Novembru 1953, kif jidher mill-ittra tiegħu eżibita fil-fol. 11 tal-proċess. Huwa għalhekk ma kienx residenti f'dawn *il-Gżejjer għal* ebda żmien matul il-perijodu ta' tnax il-xahar immedjatament qabel ir-reġistrazzjoni; u konsegwentement jonqos wieħed *mir-rekwiżiti* essenzjali biex jiġi reġistrat bħala elettur u jkollu d-dritt għall-vot fl-elezzjoni għal Membri ta' l-Assemblea Leġislatva. U ladarba l-attur mhux intitolat li jkun reġistrat bħala elettur, ma jistax ikun intitolat li jkun elett Membru ta' l-imsemmija Assemblea. billi, skond is-sezzjoni fuq msemmija tal-"The Malta (Constitution) Letters Patent, 1947", huma eleġġibili biex ikunu membri ta' l-Assemblea Leġislativa dawk kollha li jkunu kwalifikati li jkunu reġistrati bħala eletturi għall-elezzjoni ta' dawk il-membri;

Ikkunsidrat;

Illi, in bażi għal dak li ntqal fuq, id-deċiżjoni tal-konvenuti *nomine, notifikata* lill-attur bl-ittra tal-20 ta' Novembru 1953 (eżibita fil-fol. 4 tal-proċess) hija ġusta, u mhix ċensurabili;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.